

# L-Iskola l-Ġdida fil-Mosta
## ...105 snin ilu

JOSEPHINE CAMILLERI

### Skola ġdida

Fl-1 ta' Lulju, 1898, is-Supretendent tax-Xogħolijiet Pubbliċi, is-Sur Lorenzo Gatt (1857-1938) informa lill-Aġent Spettur fl-Iskejjel Elementari, is-Sur Enrico Magro illi fit-28 tax-xahar li għadda, l-iskola l-ġdida tal-Mosta għaddiet għand id-Dipartiment mingħand il-kuntrattur u li kien qiegħed jgħaddilu ċ-ċwievet. Fit-28 ta' Jannar 1899 bagħatlu wkoll disinn ta' kif kien ġie propost li jsiru l-bankijiet għall-istess skola.[1]

Ir-Rapport ta' l-1897 juri kif kienet il-qagħda rigward l-attendenza fl-iskola tal-Mosta.

Dik is-sena ħallew l-iskola 36 tifla u 45 tifel, il-

| | Reġistrati | Preparatorja | Klassi 1 | Klassi 2 | Klassi 3 | Jistennew biex jidħlu |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Bniet | 119 | 30 | 51 | 14 | 10 | 10 |
| Subien | 77 | - | 24 | 40 | 13 | 113 |
| Ta' Fil-għaxija | 89 | 35 | 30 | 24 | - | 15 |

biċċa l-kbira mit-Tieni Klass (42). L-istess Rapport jgħid l-iskola l-ġdida kienet qiegħda tinbena. Dik il-ħabta l-Gvern kien qiegħed jonfoq £176 għaż-żewġ skejjel fil-Mosta, barra l-kera ta' dar mikrija bħala skola mill-aħwa Carmela u Marija Camilleri għal £18 fis-sena. F'Jannar 1898, is-Surmast kien Salvu Attard Vassallo b'salrju ta' £55 fis-sena, is-Sinjora Karmena Magro kellha £45, meta dawn ġew trasferiti posthom ħaduh Andrea Sammut (baqa' l-Mosta bejn l-1898 u l-1902 b'salarju ta' £55 fis-sena) u M'Anna Pace (bejn l-1898 u l-1906 b'salarju ta' £45 fis-sena). Dawn il-monituri jew monituri assistenti kollha f'xi waqt servew fl-iskola bejn l-1898 u l-1899: Ġovanni Grech (£14 fis-sena), Salvu Grech (£9) Franġisk Attard Caruana (£6), Marija Borg (£4), Karmni Vella (£8), Feliċissima Grech (£8), Eġizia d'Ancona (£8), Karmnu Mifsud (£5), P. Pawl Galea (£7), Roger Critien (£6), Filomena Galea (£5), u l-purtinara Tereża Sammut (£1).

Dik is-sena l-Gvern nefaq għall-Iskejjel kollha Elementari tal-pajjiż (sa Diċembru 1898) £4,604 salarji għall-għalliema, £5,146 salarji għall-monituri, £755 għall-iskejjel ta' bil-lejl, £17 għall-iskejjel ta' nhar ta' Ħadd u £768 f'kera ta' djar.

L-ismijiet ta' xi kotba li kienu jintużaw:

*First Elements of English Grammar*
*Royal Readers*
*Book of Lessons, 1, 2 u 3*
*Come deve Scrivere le mie Lettere*
*L'Amico delle Fanciulle (Borgogno)*
*Libro di Lettura Italo-Maltese 1, 2 u 3*
*Grammatica Italiana*
*Dottrina Cristiana*

### Sfond

Fl-1889 l-Iskejjel Primarji għaddew taħt il-kontroll ta' l-Università. Fl-1897 inbidlet il-liġi, il-post ta' Direttur ta' l-Edukazzjoni tneħħa u l-iskejjel bdew jissejħu Elementari. Il-funzjoni ta' Direttur assumiha r-Rettur ta' l-Università, Napuljun Tagliaferro (1843-1915), iżda l-iskejjel bdew jitmexxew minn E. Magro (Aġent Spettur ta' l-Iskejjel Elementari) li dan kellu salarju ta' £150 fis-sena.

Sa l-1924 ebda liġi ma kienet b'xi mod tirregola l-attendenza tat-tfal fl-iskola. Fl-1946 saret l-ewwel il-liġi ta' l-Attendenza Obbligatorja sa erbatax-il sena. Fl-1887, il-maġġoranza tal-Membri fil-Kunsill tal-Gvern ma baqgħetx f'idejn il-Membri Uffiċċjali iżda għaddiet għand il-Membri Eletti. Il-problema li l-politiċi Maltin l-aktar li jissaħħnu fuqha kienet dwar liema lingwi kellhom jiġu mgħallma fl-iskejjel u liema bejn it-Taljan u l-Ingliż kellu jippredomina fil-pajjiż. Bħala kompromess il-Membri qablu li tibda titħaddem sistema magħrufa bħala 'pari passu'. Fl-1897 il-Malti beda jiġi mgħallem fl-ewwel sentejn, fit-tielet sena l-ġenituri kienu jagħżlu x'riedu lil uliedhom jitgħallmu, hux it-Taljan jew l-Ingliż. Mill-Ħames Klassi kemm it-Taljan kif ukoll l-Ingliż saru obbligatorji.[2]

Kienet saret inkjesta sabiex jiġi stabilit jekk fl-għażla tagħhom bejn l-Ingliż u t-Taljan il-ġenituri ġewx b'xi mod influenzati - dan l-aktar għax il-maġġoranza l-kbira riedu li t-tfal tagħhom jitgħallmu l-Ingliż. Riedu wkoll ikunu jafu minn tassew għamel din l-għażla, hux il-ġenituri, jew it-tfal jew xi ħadd ieħor u min wassal din id-deċiżżjoni lill-Kapijiet ta' l-iskejjel. Fil-15 ta' Frar 1901, Indrì Sammut, u fil-21 M'Anna Pace, il-Kapijiet ta' l-iskejjel tal-Mosta xhiedu fl-inkjesta quddiem l-Avukat tal-Kuruna.

### Qagħda f'Malta

Dik is-sena Dun Ġwann Sarreo kien Arċipriet tal-Mosta (1895-1907) u Mons. Pietru Pace (1833-



1914) Isqof ta' Malta. Is-snin ta' kull meta jkun wasal biex jispiċċa seklu u jibda ieħor dejjem tqiesu b'apprensjoni u bil-biża' għax ġew assoċjati ma' diżastri. Mhux ta' b'xejn tbeżżgħu għax f'kull tmiem ta' seklu seħħew disastri kbar - gwerrer u epidemiji, tant li kien hemm żminijiet li n-nies tant inħakmu bil-biża' li stennew li l-aħħar tad-dinja kien wasal.

Hemm xi verità dwar din il-preokkupazzjoni? Naraw x'ġara meta beda riesaq fi tmiemu s-seklu dsatax, iż-żmien marbut mal-bini ta' l-iskola l-ġdida. Fis-sebgħinijiet epidemiji ta' kolera, ta' ġidri, ta' difterite, għamlu ħerba sħiħa fost il-popolazzjoni ta' pajjiżna, tant li għall-ħabta ta' l-1874, 94% tat-tfal taħt l-għaxar snin mietu bid-difterite (mard tal-grieżem). Tul l-epidemija li bdiet fl-1887, 53% tal-popolazzjoni mietet bil-kolera - għad li ma jissemmewx każi fil-Mosta. Il-vittmi ta' l-epidemija baqgħu jiżdiedu sa l-1890.

Sa l-1853 it-triq ewlenija li kienet tieħu għal Belt kienet Strada Chiesa (illum Triq il-Kurat Calleja). Inħasset il-ħtieġa ta' triq aħjar u nfetħet Via Nuova Valletta (illum Triq il-Kungress Ewkaristiku). Attivitajiet oħra kienu l-bini tal-fortizza f'Misraħ Għonoq (1883), il-Linji Victoria (1887) u l-pont tal-ħadid (1897).

Il-maġġoranza tal-Maltin kienu bdiewa. Il-prodott l-aktar komuni, il-qoton. Iżda meta spiċċat il-Gwerra Ċivili Amerikana (1865), il-kultivazzjoni tal-qoton marret il-baħar u l-bidwi Malti kellu jibda jkabbar il-qmuħ, il-frott taċ-ċitru, il-kemmun u s-silla. Fl-1871 in-numru tal-bdiewa beda jonqos u sa l-1899 naqas sewwa. Riżultat ta' dan ħafna bdew jersqu lejn il-Kottonera u l-Marsa jfittxu x-xogħol lejn dawk in-naħat l-aktar fit-tarznari. Snajja oħra żgħar kienu ix-xogħol fil-ġebel, ħdim tal-bizzilla, ħjata tal-qlugħ u tkabbir tat-tabakk. Meta l-popolazzjoni bdiet tikber, kellha tiżdied l-importazzjoni u l-ħobż sar għoli infern.

Il-faqar, l-illitteriżmu u l-isolament ta' l-irħula, kienu l-karatteristiċi taż-żmien. Ir-rata ta' l-imwiet tant kienet kbira (48%) li l-Gvern ħass il-ħtieġa li jaħtar Kummissjoni biex tagħmel inkjesta (Rapport 1874). Fost il-kawżi jissemmew il-ħmieġ, in-nuqqas ta' ikel, trabi imsakkrin fi djarhom u tfal jiġġerrew fit-toroq biex ommhom tkun tista' tmur taħdem. Il-każi ta' trakoma kienu komuni ħafna.

***Rimarki***

L-iskejjel kollha kienu jiġu eżaminati, almenu darba kull sena, jew mid-Direttur jew mill-Ispettur inkarigat mit-tmexxija ta' l-Iskejjel Elementari. Riżultat dettaljat bil-marki miksuba għal kull suġġett, bil-livell milħuq u bir-rimarki ġenerali, kien jiġi ppubblikat. Mir-Rapporti li ħarġu sena wara l-oħra jidher li l-iskejjel tal-Mosta, kemm tal-bniet kif ukoll tas-subien, kienu qegħdin jagħmlu progress u r-rimarki huma ġeneralment 'satisfactory' u 'very satisfactory'.




**Is-sular t'isfel ta' l-Iskola Primarja tal-Mosta**
**Din kienet il-parti li nbniet l-ewwel.**

Din kienet il-qagħda ta' l-edukazzjoni fil-Mosta fil-bidu tas-seklu għoxrin.

Noti:

[1] Interssanti l-fatt li għad li t-tfal kienu bdew jattendu fl-iskola l-ġdida, l-Assessur Ġenerali kien għadu jħallas il-kera lil ċertu C.W. Beck. Fil-fatt tħallset is-somma ta' £45 fis-16 ta' April 1898 ta' kera bil-quddiem 'for new Musta Schools' u ta' £38 ta' kera li jibda fit-28 ta' Awissu. Ħlas dovut ta' £27 għall-perjodu 1 ta' Lulju - 31 ta' Diċembru kien għadu jidher, għad li din id-darba hemm nota li turi 'għall-iskola tal-bniet ta' l-infants'. Ma nafx 'for new Musta Schools' sew sew xi tfisser.

[2] Ara *Gazzetta tal-Gvern*, Suppliment, 26.v.1898.